MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 155/2018 LM

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha George Mamo u l-istess George Mamo**
*("l-appellanti")*

***vs.***

**Mateja Enrika Farrugia**
*("l-appellata")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **GasanMamo Insurance Limited (C 3143)** u minn **George Mamo (K.I. Numru 510873M)** (minn issa 'l quddiem "l-appellanti"), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fi

ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fid-9 ta' Ottubru, 2018, (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li l-assikurat tas-soċjetà rikorrenti, George Mamo, kien unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-proċeduri.

**Fatti**

2. Permezz tal-Avviż tal-Arbitraġġ ippreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2013 ir-rikorrenti talbu li l-intimata tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' tmint elef disa' mija u ħames Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€8,905.34) rappreżentanti danni sofferti minnhom b'konsegwenza tal-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-2 ta' Lulju, 2012 ġewwa San Ġwann (minn issa 'l quddiem "l-inċident"), bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GRG 073, proprjetà tar-rikorrent George Mamo, assikurat tas-soċjetà rikorrenti, u l-vettura BBV 314 irreġistrata f'isem l-intimata **Mateja Enrika Farrugia.**

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jiddikjara li (i) l-intimata hija unikament responsabbli għall-inċident, minħabba negliġenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku, (ii) kienet is-soċjetà assikurattiva Gasan Mamo

Insurance Limited li għamlet tajjeb għad-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tal-inċident, għajr għall-*excess* ta' €55 li tħallsu minn George Mamo stess; (iii) li d-danni subiti fil-vettura numru GRG 073 b'konsegwenza tal-inċident jammontaw għal €8,905.34 jew għal somma oħra verjuri li għandha tiġi determinata fil-proċeduri ta' arbitraġġ; (iv) li l-intimata għandha tagħmel tajjeb għall-ammont likwidat in linea ta' danni, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi min-notifika tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Frar, 2013, bl-ispejjeż u d-drittijiet ta' din il-proċedura.

L-intimata, min-naħa tagħha kkontestat ir-responsabbilità tagħha għall-inċident.

4. Meta xehed quddiem it-Tribunal r-rikorrent **George Mamo** qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien waħdu fil-vettura misjuqa minnu, u t-triq kienet niexfa. Qal li kien għaddej mill-inħawi fejn hemm il-Vibes, fi triqtu lejn Tal-Ibraġġ, fil-parti tat-triq li hija dejqa ħafna, u dak il-ħin hu kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar 20-22 kilometru fis-siegħa. Qal li eżatt kif wasal fil-kantuniera tat-triq, min-naħa tal-lemin tiegħu ġiet vettura li kienet qiegħda tinstaq b'veloċità qawwija, li baqgħet sejra fuqu u ħabtet miegħu fil-parti ta' quddiem tal-vettura tiegħu. Qal li huwa kien diġà waqaf meta seħħ l-impatt, u żied jgħid li mad-daqqa l-vettura misjuqa mill-intimata imxiet madwar sitt metri lura. Qal li wara ftit sekondi huwa ħareġ mill-vettura sabiex jara l-intimata kienx ġralha xi ħaġa, u ra li din kellha xi demm fuq xufftejha. Żied jgħid li l-ħsara sofferta mill-vettura tiegħu tammonta għal eluf ta' Euro, u din il-

ħsara għamlet tajjeb għaliha s-soċjetà rikorrenti. In kontroeżami, Mamo qal li fil-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident huwa kien fil-wita, filwaqt li l-parti tat-triq li kienet għaddejja minnha l-intimta kienet ġejja kemm kemm għat-telgħa.

5. **Kumar Bonello**, *surveyor* mas-soċjetà rikorrenti, qal li l-vettura tar-rikorrent ġarrbet ħsarat konsiderevoli fl-inċident, u l-ħsarat kienu kemm mekkaniċi kif ukoll elettriċi. Ix-xhud qal li ż-żewġ vetturi involuti fl-inċident huma robusti u jifilħu għal inċidenti ta' dan it-tip.

6. **L-Avukat Reuben Farrugia** spjega li l-intimata hija l-mara tiegħu, u dakinhar tal-inċident din kienet ikkuntattjatu u qaltlu li kienet involuta f'inċident stradali ġewwa Tal-Ibraġġ fil-parti tat-triq li tagħti għal San Ġwann. Kompla jgħid li huwa kien fuq il-post f'madwar seba' minuti u fuq il-post sab lil martu bid-demm ma' xofftejha u bit-tifel tagħhom b'gundalla f'nofs moħħu. Qal li s-sewwieq tal-vettura l-oħra ma kellmux, iżda beda jagħmel xi sinjali b'idejh u b'rasu, qisu ried jiskuża ruħu għal dak li ġara. Qal li meta waslu l-Pulizija fuq il-post, huwa ġibed l-attenzjoni tagħhom għall-fatt li wara l-vettura GRG 073 misjuqha mill-appellat kien hemm *brake mark* estensiv, li kien madwar tliet darbiet aktar mit-tul tal-vettura.

7. L-intimata spjegat li fil-ħin tal-inċident hija kienet sejra għand ħabiba tagħha li tgħix il-Għargħur, u li hija kienet tgħaddi mit-triq fejn seħħ l-inċident madwar tlieta jew erba' darbiet kuljum. Qalet li hija kellha viżwali tajba tat-triq, u ħin minnhom, waqt li bdiet tirrallenta, rat vettura ġejja mid-direzzjoni

opposta li kienet qiegħda tinstaq b'veloċità li hija eċċessiva għal dik it-triq. Qalet li hija waqfet u stenniet li s-sewwieq l-ieħor jgħaddi, iżda xħin il-vettura l-oħra waslet viċin tagħha, hija indunat li s-sewwieq ma kienx qiegħed iħares 'il quddiem iżda lejn ix-xellug tiegħu, u dan baqa' jżomm l-istess veloċità. L-intimata żiedet tgħid li hija kienet wieqfa għalkollox, u dak il-ħin bdiet iddoqq il-ħorn. Qalet li x-xufier l-ieħor baqa' ma waqafx, u kien biss fl-aħħar sekondi qabel seħħ l-impatt li dan irrallenta u pprova jieqaf, iżda l-impatt bejn il-vetturi seħħ xorta waħda. L-intimata qalet li d-daqqa kienet waħda qawwija, u mad-daqqa l-karozza tagħha imxiet lura. Qalet li kif ħarġet mill-vettura tagħha hija baqgħet impressjonata bid-distanza li l-vettura tagħha ntefgħet lura. Kompliet tgħid li minkejja li kienet liebsa s-*safety-belt,* hija xorta waħda spiċċat titbandal lura u 'l quddiem, u laqtet xoffitha mal-i*stering wheel* meta waqfet. Qalet li wieħed minn uliedha li kien riekeb ħdejha ma kellux ġrieħi, iżda t-tifel iż-żgħir li kien riekeb wara, ħabat rasu. Kompliet tgħid li meta pprova jkellimha s-sewwieq l-ieħor hija qaltlu li dak il-ħin kien aħjar li kieku dan ma jkellimhiex u li hija kienet taf li huwa ma kienx qiegħed iħares lejn it-triq meta seħħ l-inċident. Għad-domandi li sarulha in kontroeżami, l-intimata qalet li hija ma taqbilx li dan l-inċident seħħ f'temp ta' ftit sekondi, u hija setgħet tara u tipprevedi dak li kien ser jiġri.

## Id-Deċiżjoni Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Ottubru 2018, it-Tribunal laqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata, u ddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi stabbilixxa li r-responsabbilità ta' dan l-inċident hija tar-rikorrent assikurat tas-soċjetà rikorrenti u mhux tal-intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi dan l-Arbitraġġ jittratta inċident awtomobilistiku li seħħ fit-triq li tgħaqqad San Ġwann ma' Tal-Ibraġġ, fin-naħa ta' Tal-Ibraġġ. It-Triq fejn seħħ l-inċident jisimha in fatti Triq tal-Ibraġġ, u mhux Għargħur Road, kif erronjament indikat fl-iskizz tal-Pulizija. L-inċident seħħ proprju fil-bidu ta' din it-triq fuq in-naħa ta' Tal-Ibraġġ. Dan irid jiġi ppreċiżat stante li l-iskizz ma jirriflettix b'mod korrett l-akkwati – Triq Tal-Ibraġġ tispiċċa 'in a fork' fuq dik in-naħa jekk issuq lejn tal-Ibraġġ – fuq ix-xellug tgħaddi għall-Madliena, mentri fuq il-lemin tinżel lejn Tal-Ibraġġ. L-iskizz ma jurix it-triq li tagħti għall-Madliena.*

*L-inċident seħħ fis-sajf, għall-ħabta tal-4 ta' wara nofsinhar, u fin-nuqqas ta' notazzjoni bil-kuntrarju fir-*Road Accident Report*, x'aktarx il-ġurnata kienet bnazzi b'viżibilità tajba.*

*Skont **ir-rikorrent George Mamo**, huwa kien qiegħed isuq waħdu, u kien ġej min-naħa tal-Vibes (illum Aria Complex), u sejjer lejn Tal-Ibraġġ. Peress li t-triq hija waħda dejqa, huwa kien għaddej b'veloċità ta' madwar 20-22 kilometri fis-siegħa. Jgħid li meta wasal fl-aħħar tat-triq, fejn tinfetaħ, tfaċċat l-intimata ssuq b'veloċità qawwija minn fuq il-lemin. L-Arbitru jifhem li r-rikorrent George Mamo qiegħed jgħid li l-intimata kienet ġejja mit-telgħa ta' Tal-Ibraġġ. Huwa jsostni li għafas il-brake mill-ewwel u l-vettura tiegħu waqfet mill-ewwel mentri l-intimata baqgħet ġejja fuqu u bid-daqqiet inbeżqet lura madwar 6 metri. Ir-rikorrent jippreċiża li fil-mument tal-ħabta huwa kien diġà wieqaf. Huwa kkonferma l-verżjoni li ta* a tempo *vergine lill-Pulizija, li tikkombaċja perfettament max-xhieda tiegħu.*

*In kontroeżami jsostni li l-intimata ħalliet* skid marks *ta' 6 metri tul u ma qabilx mal-verżjoni mogħtija mill-intimata* a tempo vergine*, senjatament li hija kienet wieqfa fil-mument tal-ħabta.*

***L-Avukat Reuben Farrugia** huwa żewġ l-intimata. Huwa ma kienx preżenti meta seħħ l-inċident, iżda mar jissokkorri lil martu u lil uliedu meta l-intimata infurmatu bil-ħabta. Huwa xehed li kellem lir-rikorrent George Mamo fuq il-post, iżda dan ma kellmux lura, u jidher li kien qiegħed jiġġestikola b'rasu u idejh b'mod li x-xhud fehem li kienet tfisser talba għal skuża. Jgħid li ġibed l-attenzjoni tas-Surġent li ġie fuq il-post li kien hemm* brake mark *estensiv wara l-vettura tar-rikorrent George Mamo, b'tul ta' tlieta jew erba' karozzi. L-Avukat Farrugia xehed ukoll li mill-konċentrazzjoni tad-*debris *sa fejn kienet il-vettura tal-intimata, kien hemm mixxela ta'* diesel fluid *u marki ta' tkaxkir.*

***L-intimata** xehdet li kienet ġejja mid-direzzjoni ta' Tal-Ibraġġ u sejra lejn il-Vibes (illum Aria Complex). Tgħid li waqfet fejn it-triq tidjieq u tgħid li kellha viżwali fit-tul. L-intimata tkompli tixhed kif rat lir-rikorrent George Mamo ġej mill-bogħod b'veloċità li ħasset li ma kinitx idoneja għat-triq, u dan mill-esperjenza u frekwenza li tuża l-istess triq. Iddeċidiet li tistenna lir-rikorrent George Mamo jgħaddi. Meta setgħet tarah sew innutat li r-rikorrent George Mamo ma kienx qiegħed iħares 'il quddiem u baqa' jżomm l-istess veloċità, u bdiet iddoqqlu l-ħorn. Id-daqqa tant kienet qawwija li mbuttat il-vettura tal-intimata lura. Wara l-ħabta, l-intimata tgħid li r-rikorrent George Mamo skuża ruħu magħha.*

***Ikkunsidra:***

*Dan huwa każ tipiku fejn ix-xufiera involuti jagħtu verżjonijiet dijammetrikament opposti.*

*L-oneru tal-prova li tassew l-intimata saqet b'mod imprudenti, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku tinkombi fuq ir-rikorrenti. F'każ illi r-rikorrenti jonqsu milli jġibu provi sodisfaċenti għat-teżi tagħhom, jirrenja l-prinċipju ta'* actor non probante reus absolvitur*. L-Arbitru jirritjeni li huwa utli li ssir referenza għall-varji sentenzi tal-Qrati tagħna* in subjecta materia*:*

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* ***Joseph Zammit vs Joseph Hili***[1]*, nitgħallmu li: "ma hux dubitat li r-regola ġenerali hi l-'*onus probandi' *hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah – "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat."

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Tonna vs Philip Azzopardi***[2]*, nitgħallmu:*

*"(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega l-fatt l-oneru li ġġib il-provi tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt tal-azzjoni minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5;*
*(ii) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif ingħad, 'jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri* prima facie *li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
*(iii) Il-ġudikant adit mill-mertu tal-każ hu tenut jiddeċiedi* iuxta allegata et probata*, u dan jimporta li d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkostanzi tal-fatti dedotti abbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi għar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;*
*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-ġudizzju tiegħu."*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Chef Choice Limited vs Raymond Galea et***[3]*, intqal:*

*"... Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili mhuwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi suppożizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

[1] Deċiża fis-27 ta' Ġunju 1953, kif ċitata fis-sentenza fl-ismijiet Martin Mifsud et *vs* Marika Alamango (Ċit. 225/08 LFS) deċiża fis-16 ta' April 2013.
[2] Deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' April 2007 (App. Ċiv. 503/02 PS).
[3] Deċiża mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Settembru 2013 (Ċit. 2590/99 JRM).

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara – App. Inf. – JSP – 12.1.2001 –* ***Hans J. Link et vs Raymond Mercieca****). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara – App. Inf. – PS – 7.5.2010 –* ***Emmanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap. 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap. 12).*

*...*

*... Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li qed jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li* actore non probante reus absolvitur *(ara PA – LFS – 18.5.2009 –* ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.****). Min-naħa l-oħra, mhux talli kunflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lill-Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara App. Ċiv. 19.6.2006 –* ***Emmanuel Ciantar vs David Curmi noe****). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwistjoni mressqa quddiemha (ara – App. Inf. 9.1.2008 –* ***Anthony Mifusd et vs Victor Calleja et****)."*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Xuereb et vs Clement Gauci et***[4]*, ġie ritenut illi fil-kamp ċivili:*

*"Huwa paċifiku f'materja ta' kunflitti ta' verżjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

---

[4] Deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004 (App. Ċiv. 290/01 PS).

*(1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*(2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "*actore non probante reus absolvitur*". Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Ltd noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ ta' probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol. L, P.II, p. 440)."*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**[5], intqal:*

*"Huwa ben magħruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi għandhom iħallu lil dik il-qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fihom ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew ikollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta'* in dubio pro reo*;*

*Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament ta' provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament ma jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawk l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ ta' probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli (Vol. XXXVI P.I p. 319)."*

*Fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**[6], ġie ritenut illi:*

*"Il-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant.*

[5] Deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April 2003 (Ċit. 153/94PS) ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ġunju 2006.
[6] Deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2003 (Ċit. 462/02 TM).

*Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.*

*Mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta'* in dubbio pro reo*.*

*Fil-fatt huwa wkoll prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni."*

***Ikkunsidra:***

*L-Arbitru m'għandu l-ebda diffikultà jikkonkludi li l-verżjoni tal-intimata hija ferm iżjed kredibbli minn dik tar-rikorrent George Mamo. Filwaqt illi l-Arbitru eżamina bir-reqqa x-xhieda kollha mogħtija, huwa jħossu konfortat li jista' jasal għall-konklużjoni li l-inċident de quo seħħ b'tort esklussiv tar-rikorrent George Mamo mhux minħabba dak li allegatament qal ir-rikorrent George Mamo wara l-inċident, iżda mill-provi oġġettivi li jinsabu fil-proċess ta' dan l-Arbitraġġ, senjatament, iżda mhux limitatament fl-iskizz tar-*Road Accident Report*. Ix-xhieda tax-xufiera tiegħu importanza sekondarja.*

*L-Arbitru jibda billi jirrileva li xi ħadd mix-xufiera gideb taħt ġurament. Ma jistax ikun li ssir ħabta bejn żewġ vetturi, u dawn ikunu t-tnejn wieqfa.*

*Il-partijiet jaqblu li d-daqqa kienet waħda kbira. Dan huwa kkonfortat sia mill-*quantum *tad-danni pretiżi u s-*survey report *esebit mir-rikorrenti, kif ukoll mill-fatt li l-partijiet ukoll jaqblu li l-vettura tal-intimata inbeżqet lura.*

*Għalkemm, kif diġà ngħad, l-iskizz ma jirriflettix b'mod korrett l-akkwati, madanakollu, is-surġent PS3321 Alan La Grasta rnexxielu jgħaddi biżżejjd informazzjoni li permezz tagħha l-Arbitru jista' jislet provi oġġettivi biex jasal għall-konklużjoni tiegħu.*

*L-Arbitru jirrileva li l-konċentrazzjoni ta'* debris *kif impinġija tindika, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, l-i*spot of impact *tal-inċident. Jindika wkoll* diesel fluid *u marki ta' tkaxkir, b'tul ta' kważi 7 metri, li jwasslu mid-*debris *sal-vettura tal-intimata. Jirriżulta paċifiku li mad-daqqa, il-vettura tal-intimata inbeżqet b'lura.*

*Dawn il-marki ta' tkaxkir u diesel jikkombaċjaw mal-marki li jgħid ir-rikorrent George Mamo li ħalliet il-vettura tal-intimata. Però, b'kull rispett lejn ir-rikorrent George Mamo, huwa ċar u ovvju li dawn il-marki ta' tkaxkir indikati fl-iskizz seħħew* ***wara*** *l-inċident u mhux qabel. Ma setgħu qatt ikunu* skid marks*, ossia* brake marks *da parti tal-intimata, kif jipprova jgħid ir-rikorrent George Mamo biex jitfa' l-ħtija tal-inċident fuq l-intimata. Mill-fatt li dawn il-marki huma mħalltin kollha kemm huma bid-diesel, jirriżulta ċar u ovvju li din it-taħlita ta' marki seħħet meta l-vettura tal-intimata ġiet imbuttata lura wara li l-inċident seħħ. Dan huwa korroborat iżjed u iżjed mir-rikorrent stess meta xehed di proprio illi, "il-karozza daħlet fija u bbownsjat għal madwar sitt (6) metri lura." B'hekk, ir-rikorrent stess qiegħed jikkontradiċi lilu nnifsu.*

*Daqskemm hija inverosimili l-verżjoni tar-rikorrent George Mamo li kien għaddej b'20-22 kilometri fis-siegħa. Dan ifisser li kien għaddej bl-ewwel jew bit-tieni* gear*, li diġà l-Arbitru ma jemminx. Di più, kieku tabilħaqq kien għaddej b'dik il-veloċità, ta' nemla, meta ma kellu lil ħadd quddiemu, huwa żgur illi l-impatt ma kienx ikun kbir daqs kemm jirriżulta li kien f'dan il-każ, sia mid-danni pretiżi kif ukoll mill-fatt li l-vettura tal-intimata inbeżqet lura għal kważi 7 metri.*

*Filwaqt illi x-xhieda tal-Avukat Reuben Farrugia, fir-rigward tal-*brake marks *li jattribwixxi lir-rikorrent George Mamo, ma tgħinx it-teżi tal-intimata, l-Arbitru se jagħżel li jiskarta din ix-xhieda, stante li l-Avukat Reuben Farrugia ma kienx preżenti meta seħħ l-inċident, u għalhekk ma kienx f'qagħda li jivverifika jekk tabilħaqq dawk il-*brake marks *kinux effettivament tar-rikorrent George Mamo o meno. Madanakollu, mill-assjem tal-provi, l-Arbitru jiddikjara mingħajr tlaqliq illi* ***jqis il-verżjoni tal-intimata iżjed kredibbli u verosimili****, u dan stante illi l-fatt waħdu li l-vettura rikorrenti baqgħet fejn seħħet id-daqqa, kif jirriżulta mill-pożizzjoni tagħha qrib il-konċentrazzjoni tad-*debris*, mentri l-vettura intimata inbeżqet b'lura, jagħti x'jifhem li x'aktarx, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, dak li tistqarr l-intimata tassew ġara. L-Arbitru huwa dispost li jaċċetta l-verżjoni tal-intimata, kif mogħtija* a tempo vergine, *u kif elaborat waqt id-depożizzjoni tagħha, u ċioe illi l-vettura tagħha kienet wieqfa, mentri r-rikorrent George Mamo baqa' jsuq għal fuqha. Skont l-Arbitru, ma*

*setax ikun mod ieħor, stante li hekk biss il-vetturi rispettivi setgħu jistrieħu wara l-inċident. L-ispjegazzjoni li jittenta r-rikorrent George Mamo tisfida l-liġijiet bażilari tal-fiżika.*

*Filwaqt illi ma hux possibbli li tiġi stabbilita l-veloċità li verament ir-rikorrent George Mamo kien għaddej biha, l-Arbitru m'għandux provi li l-veloċità kienet oltre l-limitu legali, iżda kjarament kienet iżjed elevata minn dak li xehed ir-rikorrent George Mamo. Veloċità li twassal għal impatt daqshekk qawwi ma' vettura, li l-Arbitru jemmen illi kienet wieqfa, ċertament ma tistax tkun idoneja u ċertament ikkontribwiet ukoll biex seħħ l-inċident.*

***Decide:***

*Għal dawn il-motivi, l-Arbitru qiegħed jaqta' u jiddeċiedi illi:*

*1) L-inċident awtomobilistiku tat-2 ta' Lulju 2012 bejn il-partijiet seħħ b'tort unikament imputabbli lir-rikorrent George Mamo;*

*2) L-ispejjeż kollha ta' dan l-Arbitraġġ għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.*

*Bħala konklużjoni, l-Arbitru jirrileva li dan l-arbitraġġ, intavolat fis-sena 2013, qiegħed jiġi deċiż wara 5 snin, ossia fis-sena 2018, u dan tenut kont ukoll illi għal 3 snin sħaħ lanqas biss saru seduti. Kienet x'kienet ir-raġuni għal dan id-dewmien, l-Arbitru jqis li dan huwa inaċċettabbli tenut kont illi l-proċess ta' Arbitraġġ huwa intiż u maħsub biex ikun spedittiv, u dan jirreka inġustizzja lill-partijiet. Filwaqt illi l-Arbitru sottofirmat inħatar biss f'Ottubru tas-sena 2017, u rnexxielu jistrada dan il-każ, huwa jħoss li għandha ssir apoloġija lill-partijiet talli s-sistema, u l-istituzzjoni li tirregola l-Arbitraġġi ma qdiethomx fi żmien raġonevoli li kien mistħoqq, għal każ li, frankament, ma jispikkax għat-tul u n-numru ta' xhieda."*

## L-Appell

9. Ir-rikorrenti ppreżentaw l-appell tagħhom mid-deċiżjoni appellata fit-18 ta' Ottubru, 2018, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali tad-9 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet fuq premessi u tilqa' in toto t-talbiet tal-esponenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata."*

10. L-appellanti jgħidu li jħossu ruħhom aggravati mid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tagħhom it-Tribunal kellu jasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha, partikolarment peress li dan ikkonkluda li l-verżjoni tal-appellata hija aktar kredibbli minn dik tal-appellant, u fil-fehma tal-appellanti dan seħħ wara li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin ta' dak li qal l-appellant, kif ukoll għaliex it-Tribunal injora l-iskizz li sar mill-Pulizija. L-appellant qal li mhux minnu li huwa skuża ruħu mal-intimata jew mar-raġel tagħha in segwitu għall-inċident, u żied jgħid li x-xhieda tal-Avukat Reuben Farrugia għandha tiġi skartata kompletament għaliex dan kellu kull interess li jaqbeż għal martu u x-xhieda tiegħu tikkonsisti f'opinjonijiet u mhux fi provi konkreti, peress li ma kienx preżenti meta seħħ l-inċident. L-appellanti qalu wkoll li l-Avukat Farrugia kien wieħed mill-avukati tal-appellata, u għalhekk dan kien ben konxju minn dak li xehed l-appellant George Mamo, u seta' jibbaża x-xhieda tiegħu fuq dak li xehed Mamo. L-appellanti sostnew li mill-provi kellu jirriżulta li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ waqt li l-appellata kienet ħierġa mill-parti wiesgħa tat-triq biex tidħol fil-parti tat-triq li tidjieq, u fil-ħin tal-inċident din kienet għaddejja min-nofs tat-triq. Qalu li ladarba l-appellata rat il-vettura misjuqa minn George Mamo tavviċina, din kien messha waqfet u stenniet lil Mamo jgħaddi. L-appellanti qalu li jidher ċar li George Mamo kien għaddej mill-parti d-dejqa tat-triq, u kien għaddej fuq in-naħa tiegħu tat-triq, b'tali mod li kien qiegħed isuq viċin ħafna ta' ħajt tas-

sejjieħ. L-appellanti ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-impatt seħħ mal-parti tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Mamo, filwaqt li d-daqqa fuq il-vettura tal-appellata kienet ukoll fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura tagħha. L-appellanti jgħidu li t-Tribunal naqas milli jispjega r-raġunijiet għalfejn iqis li l-verżjoni mogħtija mill-appellata hija aktar kredibbli u verosimili minn dik mogħtija mill-appellant, u x'kien eżattament dak li wasslu biex jemmen aktar lill-appellata milli lill-appellant. Ir-rikorrenti żiedu jgħidu li filwaqt li t-Tribunal kien korrett fl-osservazzjoni tiegħu li ma jistax ikun li ż-żewġ vetturi misjuqa mill-partijiet, kienu t-tnejn li huma wieqfa fil-ħin tal-inċident, madanakollu l-konklużjoni tat-Tribunal li kienet il-vettura tal-appellata li waqfet u mhux dik tal-appellant, hija waħda mingħajr bażi, għaliex m'hemm xejn fix-xhieda mogħtija mill-appellant li kellha twassal għall-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal. L-appellant qal li l-Arbitru li eventwalment iddeċieda l-vertenza bejn il-partijiet, ma kienx l-istess Arbitru li sema' d-depożizzjoni li ta George Mamo, u għalhekk dan ma setax jasal għal xi konklużjoni abbażi tal-mod kif xehed l-appellant jew tal-komportament tiegħu waqt li kien qiegħed jagħti d-depożizzjoni tiegħu. L-appellanti jsostnu li ladarba dan l-inċident seħħ f'*country lane,* f'ċirkostanzi fejn huwa diffiċli għat-Tribunal li jiddeċiedi b'ċertezza min mill-partijiet kien responsabbli għall-inċident, ir-responsabbilità għall-inċident kellha tinqasam bejniethom.

11. L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Fl-aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li t-Tribunal m'għamilx apprezzament korrett tal-provi li kellu quddiemu, u għalhekk wasal għall-konklużjoni żbaljata li r-responsabbilità għall-inċident hija unikament tal-appellant, u jgħidu li f'każ li t-Tribunal kien fl-impossibilità li jiddetermina min kien responsabbli għall-inċident, dan kellu japporzjona l-ħtija nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u mhux jikkonkludi li l-verżjoni mogħtija mill-appellant hija waħda inverosimili. L-appellanti jgħidu wkoll li t-Tribunal naqas milli jagħti r-raġunijiet għalfejn iqis li l-verżjoni mogħtija mill-appellant hija inqas verosimili minn dik tal-appellata.

13. Il-Qorti tqis li minkejja li t-Tribunal esprima d-diffikultajiet li kellu sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar min għandu jġorr ir-responsabbilità għall-inċident, partikolarment għaliex il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet huma dijametrikament opposti għal xulxin, madanakollu t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-verżjoni mogħtija mill-appellant ma kinitx tikkorrobora provi oġġettivi oħra li tressqu fil-proċeduri arbitrali, u għalhekk il-verżjoni mogħtija mill-appellant ma tistax titqies li hija kredibbli jew verosimili. L-appellant jgħid li mir-ritratti esebiti jidher ċar li l-inċident seħħ fil-parti tat-triq li hija aktar wiesgħa mill-parti tat-triq li kienet dieħla fiha l-appellata, u għalhekk din kellha tieqaf kompletament meta rat lill-appellant javviċina. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li dan huwa proprju dak li għamlet l-appellata, li fix-xhieda tagħha spjegat li hija waqfet meta rat lill-appellant ġej lejha mingħajr ma rrallenta l-

veloċità li kien għaddej biha. Sabiex it-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu, jirriżulta li għamel analiżi ta' provi oġġettivi oħra li tressqu, bħall-fatt li ma jistax ikun li l-appellant kien għaddej b'veloċità ta' bejn 20-22 kilometru fis-siegħa, għaliex l-impatt u l-ħsara li rriżultaw mhumiex konsegwenzi ta' inċident li seħħ b'sewqan moderat, imma huma riżultat ta' sewqan b'veloċità eċċessiva. It-Tribunal kkonsidra, fil-fehma tal-Qorti korrettement, li ma jistax ikun li l-appellant kien qiegħed isuq bl-ewwel jew bit-tieni *gear* meta seħħ l-impatt. Jirriżulta wkoll li mal-impatt, kienet il-vettura tal-appellata li mxiet b'lura, u fl-art kien hemm taħlita ta' *diesel* mal-marki ta' tkaxkir tal-vettura tal-appellata, li huma prova oħra li mal-impatt, il-vettura tal-appellata kienet wieqfa. Din il-Qorti tqis ukoll li marki bħal dawn mhumiex marki ta' brejkijiet, iżda marki li saru minn vettura wieqfa li ġiet imbuttata lura mal-impatt. Wara kollox kien l-appellant stess li kkonferma fix-xhieda tiegħu li l-vettura tal-appellata ġiet imbuttata madwar sitt metri lura hekk kif seħħ l-impatt. Jirriżulta wkoll mil-lodo arbitrali, li t-Tribunal skarta għalkollox ix-xhieda ta' Dr Reuben Farrugia, li ma kienx fuq il-post meta seħħ l-inċident, u għalhekk ma setax jgħid x'ġara jew x'kien li wassal għal dan l-inċident.

14. Minn dak li tista' tikkonstata l-Qorti, ma jirriżultax li t-Tribunal ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu biss billi straħ fuq dak li xehdet l-appellata u skarta għalkollox dak li xehed l-appellant, imma evalwa x-xhieda mogħtija mill-partijiet fid-dawl ta' dak li jirriżulta b'mod oġġettiv mill-provi prodotti. Ma jkunx ġust li kif qiegħed jissuġġerixxi l-appellant, il-ħtija tiġi attribwita nofs bin-

nofs bejn il-partijiet, meta f'dan il-każ huwa ċar, meta wieħed jikkonsidra l-provi kollha prodotti, li l-verżjoni tal-appellata hija korroborata b'provi oġġettivi li tressqu fil-proċeduri arbitrali. Tqis għalhekk li l-aggravju tal-appellanti mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħad l-aggravju tal-appellanti, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, u l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**